**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 14 - IT-TLIETA 24 TA' MARZU 2010**

## LAQGĦA B'URĠENZA

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fl-3:45pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku |
| | Pierre Sciberras | Viċi Sindku |
| | Clifford Galea | Kunsillier |
| | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Kunsillier |
| | David Bonello | Kunsillier |
| | Pauline Miceli | Kunsillier |
| | Mario Brincat | Kunsillier |
| | Clinton Sammut | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier (wasal fl-4:05pm) |
| | Is-Sur Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Pubbliku: | Kien hemm erba' persuni preżenti. | |

**1. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1.1. Is-Sindku infurmat li hija sejħet din il-laqgħa b'urġenza sabiex tiġi diskussa l-kwistjoni tal-proġett tal-pjazza.

1.2. Is-Sindku qalet li, skont informazzjoni li għandha, xi ħadd mill-Kunsill kien tkellem u ddiskuta dwar il-proġett tal-pjazza meta kulma kien hemm fiż-żgur kienet deċiżjoni fuq il-prinċipju li jitnaqqas it-traffiku mill-Pjazza tan-Naxxar.

1.3. Is-Sindku kompliet tispjega kif hemm xi fondi reġjonali mill-UE li l-Kunsill jista' jaċċessa iżda li sal-ġurnata żgur li m'hemm l-ebda konferma dwar jekk il-Kunsill hux se jeħodhom jew le. Hija infurmat li kieku kien hemm xi ħaġa sogħda, il-Kunsill żgur li kien se jagħmel konsultazzjoni bħalma sar dejjem. Hija kompliet li huwa ħażin ħafna li joħorġu spekulazzjonijiet fil-beraħ speċjalment jekk dawn ikunu nħarġu internament għaliex jistgħu joħolqu diżgwid kemm fil-Kunsill kif ukoll mar-residenti.

1.4. Hawnhekk il-Kunsillier Brincat informa li minn ftit ġranet qabel huwa kien ġie avviċinat minn diversi persuni (uħud minnhom issemmew anke bl-isem) fejn dawn kieku staqsewh għal aktar informazzjoni dwar il-proġett tal-Pjazza fejn kellmuh ukoll dwar pjanijiet li lanqas hu ma kien għadu qatt sema' bihom. Il-Kunsillier Brincat informa li kull persuna li avviċinatu kienet qaltlu li semgħet b'dawn l-ispekulazzjonijiet mingħand il-Viċi Sindku.

1.5. Hawnhekk il-Kunsillier Sammut informa li huwa wkoll kien ġie mwaqqaf minn xi residenti matul dawn l-aħħar ġranet u kollha staqsewh x'se jiġri fil-pjazza u għaliex il-Kunsill kien se jagħmel proġett mingħajr konsultazzjoni mar-residenti u tal-ħwienet. Huwa informa li kull min kellmu kien allega li sema' b'dan mingħand Kunsillier iżda li ħadd ma indikalu liema wieħed/waħda.

1.6. Hawnhekk il-Kunsilliera Miceli qalet li l-Masterplan, li kien jaf bih kulħadd, ta rendikont tat-traffiku li jgħaddi min-Naxxar u ssuġġerixxa kif għandu jitnaqqas ħalli jonqos it-tniġġiż miċ-ċentru. Għaldaqstant jagħmel sew il-Kunsill jekk jitlob fondi għal tisbiħ u tnaqqis tat-traffiku miċ-ċentru.

1.7. Il-Viċi Sindku qal li huwa kien ġie avviċinat minn żewġ persuni xi ġranet qabel u li kien ikkonferma li l-Kunsill kien se jagħmel proġett fil-pjazza iżda li, għalkemm kien sema' li se ssir mina għat-traffiku, ma kienx wassalha hu lil dawn l-individwi.

1.8. Il-Kunsillier Brincat ikkonferma li dawk in-nies li avviċinawh kollha kienu qalulu li semgħu bl-aħbar mingħajr il-Viċi Sindku. Għaldaqstant il-Kunsillier Brincat talab li jittieħed vot ta' sfiduċja fil-Viċi Sindku. Hawnhekk is-SE infurmah li mhux possibbli li jsir dan għaliex trid tkun saret mozzjoni bil-miktub minn qabel skont il-proċeduri stabbiliti. Is-SE informa li se jindaga dwar il-proċedura eżatta dwar dan u jinforma lill-Kunsill.

1.9. Il-Kunsillier Galea talab li wieħed joqgħod aktar attent meta jkun qed jgħaddi xi informazzjoni dwar il-Kunsill sabiex ma jinħolqux diżgwidi inutli.

1.10. Hawnhekk il-Kunsillier Brincat wera u qara kopja ta' ittre (ittra elettronika) mingħand is-SE li titlob lill-Kunsilliera kollha biex għalissa ma tinħareġ l-ebda kommunikazzjoni dwar dak li ntqal u jinżamm kollox internament sabiex ma jinħoloqx paniku fuq sempliċiment deċiżjoni li ma kellha l-ebda fatt ieħor konkret.

1.11. Kemm is-Sindku kif ukoll xi Kunsilliera oħra semmew li mhijiex etika li Kunsillier jitkellem f'isem il-Kunsill mingħajr awtorità tal-istess Kunsill.

1.12. Il-Viċi Sindku reġa' insista li huwa kien ġie avviċinat u mistoqsi mistoqsijiet speċifiċi u sempliċiment wieġeb għalihom.

1.13. Hawnhekk wasal il-Kunsillier Gatt. Il-ħin kien l-4:05pm.

1.14. Is-Sindku wieġbet li f'każijiet simili, wieħed m'għandux jagħti informazzjoni dwar affarijiet interni. Kemm-il darba jkun hemm affarijiet fattwali u mhux sempliċiment teoriji, imbagħad wieħed jista' jitkellem u jinforma lill-pubbliku. F'dan il-każ hekk kif il-Kunsill kien se jkollu l-fatti f'idejh, bħalma jiġri għal kull proġett ieħor, il-Kunsill għandu jżomm laqgħa ta' konsultazzjoni uffiċjali.

1.15. Il-Kunsillier Brincat informa wkoll li skont informazzjoni li kellu, il-Viċi Sindku kien tela' fil-kamra fejn kien hemm il-plejers tan-Naxxar Lions u rringrazzjahom f'isem il-Kunsill Lokali. Is-Sindku ġibdet l-attenzjoni li wieħed għandu jitkellem f'isem il-Kunsill biss kemm-il darba jkun mistieden uffiċjalment bħala rappreżentant tal-Kunsill. Kemm-il darba indivdwu qiegħed preżenti iżda mhux għax mistieden uffiċjalment, wieħed għandu joqgħod lura milli jitkellem u jindirizza lil xi persuni f'isem il-Kunsill.

1.16. B'riferenza għat-talba tal-vot ta' sfiduċja s-SE informa li skont Artiklu numru 29 tal-Liġi dwar il-Kunsilli Lokali, sabiex issir mozzjoni ta' sfiduċja kontra Sindku jew Viċi Sindku, irid ikun hemm mozzjoni ippreżentata lis-SE iffirmata tal-inqas minn terz tal-Kunsilliera, jingħad għaliex qed jiġi propost il-vot ta' sfiduċja u ssir rakkomandazzjoni għal kunsillier ieħor biex jieħu l-kariga. Din il-mozzjoni trid tiġi

diskussa fil-Kunsill wara li mill-inqas ikunu skadew ħamest ijiem minn meta tkun ġiet ippreżentata u mhux aktar tard minn għaxart ijiem minn dik id-data.

1.17. Hawnhekk il-Kunsillier Noel Gatt talab li meta tiġi mgħajta laqgħa urġenti u xi ħadd mill-Kunsilliera ma jkunx jista' jasal eżattament fil-ħin minħabba impenji oħra, il-Kunsill għandu jikkunsidra jmexxi l-laqgħa bi ftit sabiex jakkomoda lil kulħadd. Is-SE skuża ruħu għaliex meta ġie mgħarraf li l-Kunsillier Gatt ma kienx se jasal fil-ħin kien tard wisq biex imexxi l-ħin tal-laqgħa. Min-naħa l-oħra iżda, ma nstabitx oġġezzjoni għal dan.

1.18. Is-SE informa li fil-preżent għad m'hemm xejn li huwa assigurat. Il-Kunsill qabel fuq il-prinċipju li jonqos it-traffiku miċ-ċentru tar-raħal, jiżdied il-kummerċ fir-raħal u li jġib aktar turisti lejn din il-lokalità. Id-dettalji dwar kif se jiġi kkoordinat dan il-proġett għadhom ma ġewx diskussi u għaldaqstant ma jkunx sew li wieħed jitkellem fuq fatti li m'humiex hemm. Huwa qal li min-naħa tiegħu, fuq rakkomandazzjoni tal-Perit tal-Kunsill, kien tkellem ma' sid il-pompa tal-petrol minħabba li ħass li huwa seta' jintlaqat ħażin jekk isiru xi restrizzjonjiet tat-traffiku. Għall-kuntrarju hemm biżżejjed evidenza li, jekk jiġri dan, in-negozji l-oħra kollha jibbenefikaw. Dan għaliex l-għan tal-Kunsill kien li jnaqqas mill-ammont ta' *through traffic* li ma joħloqx ħlief inkonvenjent. Huwa fakkar iżda li sal-ġurnata m'hemm xejn fiż-żgur dwar kif il-Kunsill se jipproċedi minħabba li l-Periti għadhom għaddejin bil-pjanti tagħhom.

## 2. TMIEM IL-LAQGĦA

2.1. Il-laqgħa spiċċat fl-4:20pm.

2.2. Il-laqgħa normali li jmiss se tinżamm kif imsejjaħ qabel, jiġifieri nhar it-Tlieta 13 ta' April 2010.

**Maria F. Deguara** *MD,MMCFD*
Sindku

**Paul Gatt** *Dip.Mgmt (Henley), MIM*
Segretarju Eżekuttiv